MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Numru. 180/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**David Kitcher**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi David Kitcher, bin Mario u Victoria neé Gafa', imwieled fl-14 ta' Awwissu, 1974 u residenti fil-fond numru Trieste Court, Blk 1, Flat 10, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Ghawdex u

detentur tal-karta tal-identita' numru 147975(M) li gie akkuzat talli:
nhar id-19 ta' Jannar, 2011 ghal habta ta' 17:00hrs gewwa Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex;

1. Ta fastidju lil Rita Borg;
2. kien jaf jew messu kien jaf li qed ikun ta' fastidju ghal Ria Borg;
3. talli gab ruhu b'mod li kkaguna lil Rita Borg biza li ser tintuza vjolenza kontra l-proprjeta' taghha;
4. u aktar talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Ghawdex Gurisdizzjoni Kriminali, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mhassra ;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammossjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riafferamta wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251A(1)(a), 251A(1)(b) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitlu 446 tal-Ligjiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li

jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dak l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation*, jista’ jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

*In oltre*, b’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Protezzjoni skond id-digriet hawn anness.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------